



**KUNSILL  
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 20 ta' Marzu 2012 (22.03)  
(OR. en)**

**6129/1/12  
REV1**

**COHOM 57  
PESC 326**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat tal-Kunsill
lil:	KPS/Coreper/Kunsill
Nru dok. preċ.:	8590/08 PESC 450 COHOM 41
Suġġett:	Linji gwida għall-Politika tal-UE lejn pajjiżi terzi dwar it-tortura u t-trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra - Aġġornament tal-Linji Gwida

---

1. Bħala konklużjoni tar-reviżjoni tal-Linji Gwida dwar it-Tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, il-Grupp ta' Ħidma dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ikkonferma l-qbil tiegħu mal-verżjoni aġġornata tal-linji gwida tal-UE dwar it-Tortura, kif tidher fl-Anness għal din in-nota.
2. Il-KPS huwa mistieden jendorsja l-verżjoni aġġornata tal-linji gwida tal-UE dwar it-Tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, bil-ħsieb tal-approvazzjoni tagħha mill-Kunsill, permezz tal-Coreper.

## LINJI GWIDA GĦALL-POLITIKA TAL-UE LEJN PAJJIŻI TERZI DWAR IT-TORTURA U T-TRATTAMENT JEW PIENI KRUDILI, INUMANI JEW DEGRADANTI OĦRA

(Aġġornament tal-Linji Gwida)

### SKOP

L-iskop ta' dawn il-linji gwida huwa li jipprovdu lill-UE b'għodda operattiva li għandha tintuża fil-kuntatti ma' pajjiżi terzi fil-livelli kollha kif ukoll f'fora multilaterali tad-drittijiet tal-bniedem sabiex tappoġġa u ssaħħa l-isforzi li għaddejjin sabiex jiġu evitati u jinqerdu t-tortura u trattament ħażin ieħor fil-partijiet kollha tad-dinja. It-terminu "tortura" jintuża f'dawn il-linji gwida skond id-definizzjoni mogħtija fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni kontra t-Tortura u t-Trattament jew Pieni Krudili, Inumani u Degradanti Oħra (CIDT). Għall-fini ta' dawn il-linji gwida, trattament ħażin ieħor ifisser il-forom kollha ta' trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti, inkluża l-piena korporali, li ċċaħħad lill-individwu mill-integrità fiżika u mentali tiegħu. Filwaqt li l-iskop primarju huwa li jkun trattat tħassib speċifiku dwar it-tortura u trattament ħażin ieħor, il-linji gwida ser jikkontribwixxu wkoll sabiex isaħħu l-politika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem b'mod ġenerali u l-implimentazzjoni ta' linji gwida oħra tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-Linji Gwida tal-Unjoni Ewropea dwar il-promozzjoni tal-konformità mad-dritt umanitarju internazzjonali.

### INTRODUZZJONI

L-Unjoni Ewropea hija msejsa fuq il-prinċipji tal-libertà, id-demokrazija, ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali u l-istat tad-dritt. Dawn il-prinċipji huma komuni għall-Istati Membri. Ir-rispett għad-drittijiet tal-bniedem huwa fost l-oġettivi prinċipali tal-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) tal-UE.

It-tortura u trattament ħażin ieħor huma fost l-aktar ksur ripunjanti tad-drittijiet, l-integrità tal-bniedem u d-dinjità tal-bniedem. Skond id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-ebda persuna ma għandha tkun soġġetta għal tortura jew għal trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti. L-ebda eċċezzjoni ma hija permessa taħt il-liġi internazzjonali. Il-pajjiżi kollha huma obbligati li jikkonformaw mal-projbizzjoni inkondizzjonata tal-forom kollha ta' tortura u trattament ħażin ieħor fiċ-ċirkostanzi kollha. Minkejja l-isforzi mill-komunità internazzjonali, it-tortura u trattament ħażin ieħor jippersistu fil-partijiet kollha tad-dinja. L-impunità għal min iwettaq tortura u trattament ħażin ieħor għadha tippersisti f'ħafna pajjiżi.

Il-ħidma sabiex jiġu evitati u meqruda l-forom kollha ta' tortura u trattament ħażin ieħor fl-UE u madwar id-dinja hija fehma soda tal-politika tal-Istati Membri kollha tal-UE. Il-promozzjoni u l-protezzjoni ta' dan id-dritt hija prijorità tal-politika tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem.

Fil-ħidma tagħha lejn il-prevenzjoni u l-qerda tat-tortura u trattament ħażin ieħor, u lejn ir-riabilitazzjoni ta' vittmi tat-tortura, l-UE hija għwida min-normi u l-istandards rilevanti internazzjonali u reġjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, l-amministrazzjoni tal-ġustizzja u l-kondotta ta' kunflitt bl-armi, inkluż, fost l-oħrajn, dawk li hemm fl-anness.

## **LINJI GWIDA OPERATTIVI**

Il-parti operattiva ta' dawn il-linji gwida għandha l-iskop li tidentifika modi u mezzi sabiex taħdem b'mod effettiv lejn il-prevenzjoni tat-tortura u trattament ħażin ieħor fi ħdan il-PESK.

L-UE tappoġġa b'mod attiv il-ħidma tal-atturi rilevanti (inkluż fost l-oħrajn il-Kumitat tan-NU Kontra t-Tortura, is-Sottokumitat tan-NU dwar il-Prevenzjoni tat-Tortura, il-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Kumitat tan-NU dwar l-Għajbien Infurzat, il-Kumitat għall-Prevenzjoni tat-Tortura tal-Kunsill tal-Ewropa, kif ukoll il-Proċeduri Speċjali tan-NU u atturi rilevanti oħra). L-UE ser tikkontribwixxi b'mod proattiv sabiex tiżgura li s-salvagwardji internazzjonali u reġjonali eżistenti kontra t-tortura u trattament ħażin ieħor jissaħħu u jiġu implimentati b'mod effettiv.

## **Strateġiji tal-pajjiżi**

It-tortura u trattament ħażin ieħor għandhom ikunu adegwament riflessi u indirizzati permezz tal-istrateġiji tal-pajjiżi tal-UE dwar id-drittijiet tal-bniedem. Kull fejn it-tortura u trattament ħażin ieħor inżammu bħala prijorità, dan jinkludi t-tweġiq ta' analiżi fil-fond tas-sitwazzjoni tat-tortura u trattament ħażin ieħor f'pajjiż partikolari, u l-identifikazzjoni ta' azzjonijiet u mekkaniżi preventivi possibbli, kif ukoll passi neċessarji biex tiġi miġġielda l-impunità għat-tortura u trattament ħażin ieħor. F'dan ir-rigward u kif jinsab fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-2008, l-importanza tal-miżuri ta' implimentazzjoni (dok. 8407/1/08) hija enfasizzata, kif inhuma l-miżuri ta' sensibilizzazzjoni attiva u l-kooperazzjoni bejn il-korpi governattivi u s-soċjetà ċivili. Għall-pajjiżi fejn it-tortura u t-trattament ħażin ma nżammux bħala prijorità, dan ser jiġi indirizzat kull meta jkun okkorrenza rilevanti fil-pajjiż.

## **Monitoraġġ u rappurtaġġ**

Fir-rappurtaġġ tagħhom, il-Kapijiet ta' Missjoni tal-UE ser jindirizzaw t-tortura u trattament ħażin ieħor kull meta jkun hemm okkorrenzi rilevanti fil-pajjiż. F'pajjiżi fejn it-tortura u trattament ħażin ieħor nżammu bħala kwistjoni ta' prijorità taħt l-Istrateġija tal-Pajjiż dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, il-Kapijiet ta' Missjoni tal-UE ser jinkludu analiżi tal-okkorrenza tat-tortura u trattament ħażin u l-miżuri meħuda biex dawn jiġu miġġielda, kif ukoll jipprovdu evalwazzjoni perjodika tal-effett u l-impatt tal-azzjonijiet tal-UE.

## **L-azzjoni tal-UE fir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi**

L-objettiv tal-UE huwa li tinfluwenza pajjiżi terzi sabiex jieħdu miżuri effettivi kontra t-tortura u trattament ħażin ieħor u li tiżgura li tkun infurzata l-projbizzjoni assoluta u mhux derogabbli kontra t-tortura u trattament ħażin ieħor. Fil-kuntatti tagħha ma' pajjiżi terzi, l-UE għandha tesprimi l-bżonn imperattiv li l-pajjiżi kollha jaderixxu u jikkonformaw man-normi u l-istandards internazzjonali rilevanti u konsegwentement tenfasizza illi t-tortura u trattament ħażin ieħor huma pprojbiti taħt il-liġi internazzjonali fiċ-ċirkostanzi kollha. L-UE ser tgħarraf l-objettivi tagħha bħala parti integrali tal-politika tagħha dwar id-drittijiet tal-bniedem u ser tisħaq fuq l-importanza li hija tagħti lill-prevenzjoni tat-tortura u trattament ħażin ieħor bil-ħsieb tal-qerda globali tagħhom.

L-UE ssegwi approċċ olistiku u proattiv li jiġbor fih l-elementi kollha essenzjali għall-eradikazzjoni tat-tortura: il-prevenzjoni, il-protezzjoni u r-riabilitazzjoni b'fokus fuq il-vittmi tat-tortura u t-trattament ħażin.

Fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, l-Istati Membri tal-UE huma ddeterminati li jikkonformaw bis-sħiħ mal-obbligi internazzjonali li jipprojbixxu t-tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra.

A) Sabiex tilħaq dawn l-oġjettivi, l-UE għandha tiegħu, fost l-oħrajn, dawn l-azzjonijiet li ġejjin:

### Djalogu Politiku

Il-komponent tad-drittijiet tal-bniedem tad-djalogu politiku bejn l-UE u l-pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet reġjonali għandu jinkludi l-kwistjoni tat-tortura u trattament ħażin ieħor. L-UE ser tqajjem is-suġġett tal-projbizzjoni tat-tortura u forom oħra ta' trattament ħażin fid-djalogi ma' pajjiżi terzi dwar il-ġlieda kontra t-terroriżmu. Il-bini tal-kapaċità dwar id-drittijiet tal-bniedem u l-istat tad-dritt, inkluża l-projbizzjoni tat-tortura u forom oħra ta' trattament ħażin, għandu jiġi pprovdut, inkluż l-inkoraġġiment ta' pajjiżi terzi biex jinkorporaw id-drittijiet tal-bniedem fil-ħidma tagħhom kontra t-terroriżmu.

### Inizjattivi Poliċi

L-UE ser tiegħu inizjattivi poliċi u toħroġ dikjarazzjonijiet pubbliċi biex tħeġġeġ pajjiżi terzi rilevanti jieħdu miżuri effettivi kontra t-tortura u trattament ħażin ieħor, inklużi miżuri ta' prevenzjoni. L-UE ser, fejn ikun hemm bżonn, titlob informazzjoni dwar allegazzjonijiet ta' tortura jew trattament ħażin ieħor. L-UE ser tirreaġixxi wkoll għall-iżviluppi pożittivi li jkun seħħu.

F'każijiet individwali ddokumentati tajjeb ta' tortura u trattament ħażin ieħor l-UE ser tħeġġeġ (b'inizjattivi poliċi kunfidenzjali jew pubbliċi) lill-awtoritajiet fil-pajjiż ikkonċernat sabiex jiżguraw is-sigurtà tal-vittmi u ta' persuni rilevanti oħra, jevitaw l-abbużi, jagħtu l-informazzjoni, japplikaw salvagwardji rilevanti u jiżguraw li qed issir investigazzjoni fil-pront, effettiva, indipendenti u imparzjali bil-ħsieb li l-atturi ta' reat jitressqu quddiem il-ġustizzja u tiġi ffaċilitata riparazzjoni effettiva. L-azzjonijiet dwar każijiet individwali ser jiġu deċiżi każ b'każ u jistgħu jagħmlu parti minn inizjattiva politika ġenerali.

## Kooperazzjoni bilaterali u multilaterali

Il-ġlieda kontra u l-prevenzjoni tat-tortura u trattament ħażin ieħor ser jitqiesu ta' prijorità fil-kooperazzjoni bilaterali u multilaterali kollha għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, fost l-oħrajn f'kollaborazzjoni mas-soċjetà ċivili, inkluż fil-qasam legali, il-qasam tas-saħħa u l-qasam tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lil tali kooperazzjoni fil-qafas tal-Istrument Ewropew għad-Demokrazija u d-Drittijiet tal-Bniedem (EIDHR) u fi programmi ta' kooperazzjoni/bilaterali/reġjonali li jappoġġaw l-istat tad-dritt u r-riforma tas-sigurtà.

F'każijiet severi ħafna jista' jitqies li jiġu invokati klawsooli dwar id-drittijiet tal-bniedem ta' assoċjazzjonijiet, sħubiji, u ftehimiet ta' kooperazzjoni. It-tneħħija ta' benefiċċji GSP+ jistgħu wkoll jitqiesu fejn ikunu rilevanti.

## Osservazzjoni tal-proċess

Il-Kapijiet ta' Missjoni ser jippruvaw jibagħtu rappreżentanti mill-ambaxxati bħala osservaturi għall-proċessi fejn hemm raġuni li wieħed jemmen li l-akkużati kienu soġġetti għat-tortura jew għal trattament ħażin.

B) Fl-azzjonijiet tagħha kontra t-tortura, l-UE tħeġġeġ lill-pajjiżi terzi sabiex jieħdu, fost l-oħrajn, il-miżuri li ġejjin:

## Jipprevjenu, jipprojbixxu u jikkundannaw it-tortura u trattament ħażin ieħor

- jiżguraw li l-atti kollha ta' tortura huma reati taħt il-liġi kriminali domestika, inklużi attentati, kompliċità u parteċipazzjoni, ikkastigati b'penali adatti;
- jikkundannaw, fl-oġġla livell, il-forom kollha ta' tortura u trattament ħażin ieħor;
- jirrevokaw jew jemendaw kwalunkwe liġi li, b'fini jew effett, tawtorizza jew tiskuża kwalunkwe forma ta' tortura jew trattament ħażin ieħor.

- jieħdu miżuri legiſlattivi, amministrattivi, ġudizzjarji u oħra effettivi biex jipprevjenu: l-okkorrenza ta' atti ta' tortura u trattament ħażin ieħor fi kwalunkwe territorju taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom; jipprevjenu u jipprojbixxu l-produzzjoni, il-kummerċ, l-esportazzjoni, l-importazzjoni u l-użu ta' tagħmir li m'għandu l-ebda użu prattiku ħlief għall-fini tat-tortura u trattament ieħor ħażin kif ukoll jimponu kontrolli stretti, bil-ħsieb li jipprevjenu abbużi, fuq il-produzzjoni, il-kummerċ, l-esportazzjoni, l-importazzjoni u l-użu ta' tagħmir li jista' jintuża għall-fini tat-tortura jew trattament ieħor ħażin kif indikat mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1236/2005 dwar il-kummerċ ta' ċerti oġġetti li jistgħu jintużaw għall-piena kapitali, it-tortura jew trattament jew pieneni krudili, inumani jew degradanti oħra.

#### Jaderixxu ma' u jimplimentaw normi u proċeduri internazzjonali

- jaċċedu għall-UNCAT u l-Protokoll Fakultattiv tagħha, l-ICCPR u strumenti reġjonali rilevanti bħal-Linji Gwida ta' Robben Island dwar il-prevenzjoni u l-projbizzjoni tat-tortura fl-Afrika, il-Konvenzjoni Inter Amerikana għall-Prevenzjoni u l-Ikkastigar tat-Tortura, u l-Konvenzjoni Ewropea għall-Prevenzjoni tat-Tortura; jikkunsidraw l-ażżjoni mas-CPED;
- jirtiraw ir-riservi li mhumiex kompatibbli ma' l-iskop u l-oġġett tal-UNCAT, l-ICCPR, is-CPED u trattati rilevanti oħra;
- jikkunsidraw li jirtiraw riservi oħra għall-UNCAT, l-ICCPR, is-CPED u trattati oħra rilevanti;
- jikkunsidraw jekk jippermettux ilmenti individwali u bejn l-istati taħt l-UNCAT, is-CEDAW, is-CPED, u l-ICCPR;
- jaċċedu għall-Istatut tal-Qorti Kriminali Internazzjonali;
- jikkonformaw mat-talbiet għall-miżuri interim ta' protezzjoni, ta' sentenzi, ta' deċiżjonijiet u ta' rakkomandazzjonijiet ta' korpi internazzjonali u reġjonali tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż in-NU;
- jikkooperaw mar-Relatur Speċjali tan-NU dwar it-Tortura u t-Trattament jew Pieneni Krudili, Inumani jew Degradanti Oħra u l-proċeduri speċjali rilevanti kollha l-oħra,
- jikkooperaw mas-CAT, l-SPT u korpi rilevanti oħra tat-Trattat tan-NU inkluż fl-implimentazzjoni u s-segwitu tal-konklużjonijiet u l-fehmiet tal-korpi tat-trattat u jippermettu l-pubblikazzjoni tar-rapporti taż-żjarat tal-SPT;

- jiżguraw li l-liġijiet nazzjonali jipprojbixxu b'mod assolut it-trasferiment furzat ta' kwalunkwe persuna għal kwalunkwe pajjiż fejn hemm raġunijiet sostanzjali biex wieħed jemmen li hija soġġetta għat-tortura jew trattament ħażin ieħor (inkluż il-pajjiż ta' oriġini), jew li tinsab friskju li tiġi sussegwentement trasferita għal pajjiż bħal dan, kif ukoll aċċess għal eżami effettivi, indipendenti u imparzjali qabel kwalunkwe deċiżjoni bħal din;
- f'pajjiżi fejn il-piena ta' mewt għadha tapplika, jiżguraw li barra l-limitazzjonijiet li hemm fl-Artikolu 6 ICCPR, l-eżekuzzjonijiet, kif ukoll il-kundizzjonijiet ta' hażns fejn il-priġunieri jkunu qegħdin jistennew il-mewt, għandhom ikunu tali li jikkawżaw l-anqas tbatija fiżika u mentali possibbli;
- jikkooperaw mal-mekkaniżmi rilevanti tal-Kunsill tal-Ewropa, b'mod partikolari bl-implimentazzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ewropew għall-Prevenzjoni tat-Tortura u t-Trattamenti jew Pieni Inumani jew Degradanti, u jħallu li ssir il-pubblikazzjoni tar-rapporti tal-Kumitat dwar iż-żajjar fpajjiżhom.
- jikkooperaw mal-korpi u l-mekkaniżmi reġjonali rilevanti dwar id-drittijiet tal-bniedem.

#### Jadottaw u jimplimentaw salvagwardji u proċeduri dwar il-postijiet ta' detenzjoni

- jadottaw u jimplimentaw salvagwardji legali u proċedurali kontra t-tortura u trattament ħażin ieħor u jiżguraw li l-persuni m'caħħda mil-libertà tagħhom jinġabu quddiem awtorità ġudizzjarja mingħajr dewmien u li jkollhom aċċess għal u d-dritt ta' komunikazzjoni kunfidenzjali ma' avukati indipendenti u kura medika mingħajr dewmien u b'mod regolari wara dan, u jiżguraw li l-persuni m'caħħda mil-libertà tagħhom ikunu jistgħu jinfurmaw lill-qraba tagħhom u lil terzi persuni rilevanti oħra mingħajr dewmien bil-fatt u l-post tad-detenzjoni tagħhom, kif ukoll kwalunkwe trasferiment sussegwenti;
- Jistabilixxu mekkaniżmi indipendenti għall-investigazzjoni ta' lmenti kontra l-pulizija jew uffiċjali ta' hażns akkużati bi trattament ħażin tad-detenu;
- jipprojbixxu postijiet sigrieti ta' detenzjoni u jiżguraw li l-persuni kollha m'caħħda mil-libertà tagħhom jinżammu f'postijiet ta' detenzjoni rikonoxxuti b'mod uffiċjali u li jkun magħruf fejn jinsabu, b'mod partikolari għall-membri tal-familja u l-konsulent legali tagħhom;



- jiżguraw illi l-proċeduri għad-detenzjoni u l-interrogazzjoni huma f'konformità mal-istandards internazzjonali u reġjonali rilevanti;
- itejbu l-kondizzjonijiet f'postijiet fejn il-persuni m'caħħda mil-libertà tagħhom jinżammu sabiex jikkonformaw ma' l-istandards internazzjonali u reġjonali.
- jiżguraw li persuni haġta ta' tortura jew trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra ma jkollhom l-ebda involviment sussegwenti fil-kustodja, l-interrogazzjoni jew it-trattament ta' kwalunkwe persuna taħt arrest, detenzjoni, priġunerija jew ċaħda oħra ta' libertà u li l-persuni akkużati b'tortura jew CIDT oħra ma jkollhom l-ebda involviment fil-kustodja, l-interrogazzjoni jew it-trattament ta' kwalunkwe persuna m'caħħda mil-libertà waqt li jkunu pendenti tali akkużi; tali miżuri għandhom isegwu ordni tal-qorti fi proċediment legali jew deċiżjoni amministrattiva ta' sospensjoni proviżorja.

#### Jipprovdu riabilitazzjoni u riparazzjoni għall-vittmi

- jiżguraw li l-vittmi ta' att ta' tortura jiksbu riparazzjoni u jkollhom dritt li jista' jiġi infurzat għal kumpens ġust u adegwat, inklużi l-mezzi għal riabilitazzjoni kemm jista' jkun sħiħa.
- Jiżguraw li r-riabilitazzjoni olistika, inklużi mezzi mediċi, psikoloġiċi, soċjali u oħrajn ikunu disponibbli għall-vittmi tat-tortura u l-familji tagħhom

#### Jistabilixxu garanziji legali interni

- jiżguraw fiċ-ċirkostanzi kollha li l-ebda dikjarazzjoni jew konfessjoni jew evidenza oħra miksuba bħala riżultat ta' tortura ma tkun tista' tiġi invokata fi kwalunkwe proċediment, ħliet kontra persuna akkużata b'tortura jew trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra bħala evidenza li tali dikjarazzjoni jew konfessjoni jew evidenza oħra tkun saret jew inkisbet;
- jiżguraw li dikjarazzjonijiet, konfessjonijiet jew evidenza oħra ma jservux ta' evidenza mingħajr korroborazzjonijiet suffiċjenti;
- jabolixxu l-forom kollha ta' piena korporali;

- jiżguraw li l-ebda ċirkostanza eċċezzjonali, inkluż stat ta' gwerra jew theddida ta' gwerra, instabbiltà politika interna jew kwalunkwe emerġenza pubblika oħra, ma tiġi invokata bħala ġustifikazzjoni għal tortura jew trattament ħażin;
- jiżguraw illi l-ebda ordni minn uffiċjal superjuri jew awtorità pubblika ma tiġi invokata bħala ġustifikazzjoni għal tortura jew trattament ħażin ieħor;
- jiżguraw li l-uffiċjali li jinfurzaw il-liġi, il-persunal militari, mediku u dak rilevanti ieħor ma jiġux ikkastigati talli ma jobdux ordnijiet biex iwettqu atti li jammontaw għal tortura jew trattament ħażin ieħor.

### Jiġġieldu l-impunità

- iressqu lil kull individwu fil-ġurisdizzjoni tal-istat li huwa responsabbli għat-tortura kull fejn imwettqa fid-dinja, quddiem il-ġustizzja fi proċessi li jikkonformaw man-normi internazzjonali ta' proċess ġust u li jeskludu l-piena tal-mewt, jekk l-individwu ma jkunx estradit għall-prosekuzzjoni fi stat ieħor fejn dawn il-garanziji huma sodisfatti;
- iwettqu investigazzjonijiet fil-pront, imparzjali u effettivi tal-allegazzjonijiet kollha ta' tortura, sabiex tiġi ddokumentata t-tortura preferibbilment skont il-Protokoll ta' Istanbul anness għar-riżoluzzjoni CHR 2000/43;
- jiżguraw li l-ebda amnestija, immunità, jew perijodu ta' limitu jew preskrizzjoni ma jkun applikabbli għal kwalunkwe att ta' tortura.

### Gruppi li jeħtieġu protezzjoni speċjali

- jistabbilixxu u jimplementaw standards u miżuri dwar id-detenu, il-priġunieri, in-nisa, it-tfal, ir-refuġjati, dawk li qegħdin ifittxu l-asil, persuni spostjati internament, migranti, dawk li qed jaffaċċjaw diskriminazzjoni għal raġunijiet ta' etniċità, twemmin reliġjuż jew ta' tip ieħor, orjentazzjoni sesswali jew identità tas-sessi u gruppi oħra li jeħtieġu protezzjoni speċjali kontra t-tortura u trattament ħażin ieħor.

### Jippermettu mekkaniżmi interni ta' monitoraġġ tad-detenzjoni

- jippermettu żjarat minn rappreżentanti tas-soċjetà ċivili u korpi indipendenti oħra bħall-NPMs, Istituzzjonijiet Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem u Ombudspersons, li għandhom id-dritt għal komunikazzjoni kunfidenzjali ma' kwalunkwe individwu tal-għażla tagħhom lil postijiet fejn jinżammu jew jistgħu jinżammu persuni mċaħħda mil-libertà tagħhom;
- Jistabilixxu, jinnominaw jew iżommu u jtejbu mekkaniżmi indipendenti u effettivi b'għarfien espert rilevanti u varjat biex jitwettqu żjarat ta' monitoraġġ effettivi u mhux imħabbra fil-postijiet kollha ta' detenzjoni, fost l-oħrajn bil-ħsieb li jipprevjenu atti ta' tortura jew trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra;
- jimplimentaw rakkomandazzjonijiet ta' mekkaniżmi indipendenti ta' monitoraġġ tad-detenzjoni.

### Jipprovdu proċeduri interni għal ilmenti u rapporti ta' tortura u ta' trattament ħażin

- jistabilixxu u joperaw proċeduri interni effettivi sabiex iwieġbu għal u jinvestigaw ilmenti u rapporti ta' tortura u ta' trattament ħażin ieħor preferribilment skont il-Protokoll ta' Istanbul, inkluż f'każijiet fejn hemm raġuni għal xiex wieħed jemmen li tali atti jkunu seħħew anki jekk ma jkunx hemm ilment formali minn vittma partikolari u jiżguraw li dawk il-proċeduri ikunu sensitivi biżżejjed għas-sessi u t-tfal fejn meħtieġ;
- jiżguraw li l-allegati vittmi tat-tortura jew trattament ħażin ieħor, ix-xhieda, id-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem li jiddokumentaw jew jirrappurtaw każijiet ta' tortura u dawk li jmexxu l-investigazzjoni u l-familji tagħhom ikunu protetti minn vjolenza, theddid ta' vjolenza jew kwalunkwe forma oħra ta' intimidazzjoni jew tpattija li jista' jkun hemm wara r-rapport jew l-investigazzjoni.

### Jistabilixxu istituzzjonijiet nazzjonali għall-prevenzjoni tat-tortura

- jikkunsidraw li joħolqu u jħaddmu u, fejn jixraq, isaħħu istituzzjonijiet nazzjonali indipendenti (p.eż. ombudspersons tad-drittijiet tal-bniedem jew kummissjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem) li jistgħu jittrattaw b'mod effettiv il-prevenzjoni tat-tortura u trattament ħażin ieħor.

## Isaħħu s-sistema ġudizzjarja

- jiżguraw ir-rispett għar-rwol li l-imħallfin, il-prosekuturi u l-avukati jaqdu fil-prevenzjoni tat-tortura u trattament jew pieni krudili, inumani jew degradanti oħra, inkluż fir-rigward tad-detenzjoni arbitrarja, salvagwardji dovuti għal proċess u livelli ta' proċess ġust, u li jressqu l-atturi quddiem il-ġustizzja;
- jippermettu lill-ġudikatura teżerċita l-funzjonijiet ġudizzjarji tagħha b'mod indipendenti, imparzjali u professjonali;
- jieħdu miżuri effettivi biex jiġġieldu l-korruzzjoni fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja, jistabilixxu programmi ta' għajjnuna legali adegwati u jkollhom imħallfin u prosekuturi magħżula, imħarrġa u remunerati b'mod adegwat u f'ammonti suffiċjenti;
- jieħdu miżuri effettivi biex jipprevjenu u jiġġieldu kwalunkwe interferenza illegali ta' kull tip, bħal theddid, molestja, intimidazzjoni u assalti fuq imħallfin, prosekuturi u avukati, kif ukoll jiżguraw li kwalunkwe intereferenza ta' dan it-tip tkun investigata minnufih, b'mod effettiv, indipendenti u imparzjali bil-għan li daww responsabbli jitressqu quddiem il-ġustizzja.

## Jipprovdu taħriġ effettiv

- iħarrġu uffiċjali li jinfurzaw il-liġi, persunal militari u l-persuni kollha involuti ma' persuni m'caħhda mil-libertà kif ukoll persunal mediku (ċivili u militari) sabiex jikkonformaw ma' l-istandards internazzjonali rilevanti għall-prevenzjoni tat-tortura u trattament ħażin ieħor;
- iħarrġu membri tal-NPMs u korpi ta' monitoraġġ ta' detenzjoni oħrajn
- jiżguraw it-taħriġ tal-ġudikatura, il-prosekuturi u l-avukati dwar l-istandards internazzjonali, reġjonal u nazzjonali rilevanti;
- jiżguraw li t-trasferimenti ta' tagħmir u taħriġ għall-użu militari, ta' sigurtà jew mill-pulizija ma jiffaċilitawx tortura u trattament ħażin ieħor;
- jiżguraw illi l-programmi għat-taħriġ tal-persunal tal-infurzar tal-liġi jinkludi taħriġ dwar il-prevenzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' vjolenza fuq in-nisa, dwar id-drittijiet tat-tfal u dwar il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni ta' kull tip, inkluż għal raġunijiet bħal razza u orjentazzjoni sesswali.

- jiżguraw li l-programmi ta' taħriġ għal professjonisti tas-saħħa jinkludu taħriġ dwar l-identifikazzjoni bikrija ta' vittmi tat-tortura, dwar ir-riabilitazzjoni tagħhom u l-użu tal-Protokoll ta' Istanbul biex tiġi dokumentata t-tortura.

#### Jappoġġaw il-ħidma tal-professjonisti tas-saħħa

- jippermettu lill-professjonisti tas-saħħa sabiex jaħdmu b' mod indipendenti u kunfidenzjali meta jħejju osservazzjonijiet dwar każijiet allegati ta' tortura u ta' trattament ħażin ieħor, u meta jittrattaw persuni m'caħħda mil-libertà;
- jipproteġu tobba, esperti tal-forensika u persunal tas-saħħa ieħor li jirrappurtaw każijiet ta' tortura u ta' trattament ħażin ieħor.
- jiżguraw li l-persunal tas-saħħa ma jieħux sehem, taħt l-ebda ċirkostanza, f'interrogazzjonijiet ħorox jew trattament ħażin ieħor ta' individwi bil-għan li jimmonitorja jew idewwem l-uġiġħ u t-tbatija.
- Jippromwovu u jirrakkomandaw l-applikazzjoni sistematika tal-Protokoll ta' Istanbul għad-dokumentazzjoni tal-każijiet ta' tortura.

#### Jipprevjenu kwalunkwe forma ta' intimidazzjoni jew tpattija

- jiżguraw li ebda awtorità jew uffiċjal ma jordna, japplika, jippermetti jew jittollera kwalunkwe sanzjoni jew preġudizzju ieħor kontra kwalunkwe persuna jew organizzazzjoni talli tkun daħlet f'kuntatt ma' xi korp nazzjonali jew internazzjonali ta' monitoraġġ jew prevenzjoni attiv fil-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-tortura u trattament jew pjeni krudili, inumani jew degradanti oħra.

#### Jagħmlu awtopsi

- jiżguraw li l-awtopsi mediko-legali jsiru minn speċjalisti tal-forensika mħarrġa u indipendenti skont standards rikonoxxuti internazzjonalment;
- jipprovdu għal eżami forensiku tajjeb fil-każijiet kollha ta' feriment gravi ta' persuni miżmuma taħt detenzjoni.

## Inizjattivi oħra

L-UE ser:

- tibqa' tqajjem il-kwistjoni tat-tortura u tat-trattament ħażin u tafferma mill-ġdid u s-saħħa l-eradikazzjoni taġħha fil-fora multilaterali, bħan-NU, il-Kunsill tal-Ewropa u l-OSCE. L-UE ser tibqa' tappoġġa b'mod attiv ir-riżoluzzjonijiet rilevanti fil-Korpi tan-NU inkluż l-Assemblea Ġenerali u l-Kunsill tad-Drittijiet tal-Bniedem;
- tassisti l-pajjiżi fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-EPU, li huma konformi mal-liġi internazzjonali u reġjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, relatati mal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-tortura u trattament ħażin ieħor;
- tappoġġa l-mekkaniżmi rilevanti internazzjonali u reġjonali (p.eż. il-Kumitat Kontra t-Tortura, is-Sottokumitat dwar il-Prevenzjoni tat-Tortura, il-Kumitat Ewropew għall-Prevenzjoni tat-Tortura, il-Proċeduri Speċjali rilevanti tan-NU) u tenfasizza l-bżonn li l-Istati jikkooperaw mal-mekkaniżmi, inkluż permezz ta' segwitu tajjeb għar-rakkomandazzjonijiet taġħhom;
- tiskoraġġixxi riżervi għall-istrumenti mfassla biex jiġġieldu t-tortura u trattament ħażin ieħor u jekk dan ifalli, toġġezzjona għal kwalunkwe riżerva ppreżentata minn pajjiżi terzi li ma tkunx kompatibbli mas-suġġett u l-għan tal-istrumenti internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem;
- toffri kooperazzjoni konġunta jew bilaterali dwar il-prevenzjoni tat-tortura u ta' trattament ħażin ieħor u dwar l-istabbiliment tas-servizzi ta' riabilitazzjoni;
- tappoġġa l-edukazzjoni pubblika u l-kampanji sabiex tinholq sensibilizzazzjoni dwar it-tortura u trattament ħażin ieħor;
- tappoġġa x-xoġhol tal-NGOs rilevanti nazzjonali u internazzjonali sabiex jiġġieldu kontra t-tortura u trattament ħażin ieħor u żżomm djalogu kontinwu magħhom;

- tibqa' tiffinanzja proġetti mibdija sabiex jittejjeb it-taħriġ ta' persunal u l-kondizzjonijiet f'postijiet ta' detenzjoni u żżomm l-appoġġ sostanzjali tagħha għaċ-ċentri ta' riabilitazzjoni għall-vittmi tat-tortura madwar id-dinja.
- iżżid kemm jista' jkun l-influwenza tagħha billi tagħmel mod li l-liġijiet u l-prassi tal-Istati Membri jilhqqu jew jaqbżu l-livelli internazzjonali kontra t-tortura u trattament ħażin ieħor fl-aspetti kollha.

L-UE tista' tinvoka, fejn ikun rilevanti, fil-kuntatti tagħha ma' pajjiżi terzi fir-rigward tat-tortura u t-trattament ħażin in-normi u l-standards u l-prinċipji li ġejjin.

- id-Dikjarazzjoni Universali dwar id-Drittijiet ta' Bniedem
- il-Patt Internazzjonali tan-NU dwar id-Drittijiet Ċivili u Poliċi (ICCPR) u ż-żewġ Protokoll Fakultattivi tiegħu
- il-Konvenzjoni tan-NU kontra t-Tortura u t-Trattament jew Pieni krudili, Inumani jew Degradanti oħra (CAT) u l-Protokoll Fakultattiv tagħha
- il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Tfal (CRC) ) u ż-żewġ Protokoll Fakultattivi tagħha
- il-Konvenzjoni Internazzjonali tan-NU dwar it-Tneħħija ta' Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni Razzjali (CERD)
- il-Konvenzjoni tan-NU dwar it-Tneħħija ta' Forom Kollha ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) u l-Protokoll Fakultattiv tagħha
- il-Konvenzjoni Internazzjonali tan-NU dwar il-Protezzjoni ta' Persuni Kollha mill-Għajbien Infurzat (CPED)
- il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u l-Protokoll Fakultattiv tagħha
- il-Konvenzjoni ta' Kunsill ta' Ewropa dwar il-Protezzjoni ta' id-Drittijiet ta' Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali u l-Protokoll nru 6 u 13 tagħha kif ukoll il-każistika rilevanti ta' Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet ta' Bniedem
- il-Karta ta' id-Drittijiet Fundamentali ta' Unjoni Ewropea
- il-Konvenzjoni ta' Kunsill ta' Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Vjolenza Kontra n-Nisa u l-Vjolenza Domestika
- il-Konvenzjoni ta' Kunsill ta' Ewropa għall-Prevenzjoni ta' Tortura u ta' Pieni jew Trattamenti Inumani jew Degradanti (CPT), kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet ta' Kumitat Ewropew għall-Prevenzjoni ta' Tortura u ta' Pieni jew Trattamenti Inumani jew Degradanti
- l-Istatut ta' Qorti Kriminali Internazzjonali
- l-Erba' Konvenzjonijiet ta' Ġinevra ta' 12 ta' Awwissu 1949 u l-Protokoll tagħhom kif ukoll regoli konswetudinarji ta' dritt umanitarju internazzjonali.



- id-Dikjarazzjoni tan-NU dwar il-Protezzjoni tal-Persuni Kollha mit-Tortura u t-Trattament jew Pieni krudili, Inumani jew Degradanti Oħra
- id-Dikjarazzjoni tan-NU dwar l-Eliminazzjoni tal-Vjolenza kontra n-Nisa
- il-Konvenzjoni u l-Protokoll tan-NU dwar l-Istatus tar-Refuġjati
- id-Dikjarazzjoni tan-NU dwar il-Protezzjoni tal-Persuni Kollha mill-Għajbien Infurzati
- il-Prinċipji tan-NU dwar l-Etika Medika rilevanti għar-Rwol tal-Persunal tas-Saħħa, b'mod partikolari t-Tobba, fil-Protezzjoni tal-Priġunieri u d-Detenuti kontra t-Tortura u t-Trattament jew Pieni krudili, Inumani jew Degradanti Oħra
- ir-Regoli Standard Minimi tan-NU għat-Trattament tal-Priġunieri
- il-Prinċipji Bażiċi tan-NU dwar it-Trattament tal-Priġunieri
- il-Korp tal-Prinċipji tan-NU għall-Protezzjoni tal-Persuni Kollha taħt Kwalunkwe Forma ta' Detenzjoni jew Priġunerija
- ir-Regoli tan-NU dwar il-Protezzjoni ta' Adoloxxenti Mċaħħda mil-Libertà ta'għhom
- ir-Regoli tan-NU dwar it-Trattament tal-Priġunieri Nisa u l-Miżuri li m'għandhomx x'jaqsmu mal-Kustodja għal Trasgressuri Nisa
- id-Dikjarazzjoni tan-NU tal-Prinċipji Bażiċi tal-Ġustizzja dwar il-Vittmi ta' Reati u l-Abbuż tal-Poter
- il-Prinċipji Bażiċi tan-NU dwar l-Indipendenza tal-Ġudikatura
- il-Prinċipji Bażiċi tan-NU dwar ir-Rwol tal-Avukati
- il-Linji Gwida tar-Rwol tal-Prosekuturi
- ir-Regoli Standard Minimi għall-Miżuri li ma għandhomx x'jaqsmu mal-Kustodja
- il-Kodiċi tal-Kondotta tan-NU għall-Uffiċjali li Jinfurzaw il-Liġi
- il-Prinċipji Bażiċi tan-NU dwar l-Użu ta' Forza u Armi mill-Uffiċjali li Jinfurzaw il-Liġi
- il-Prinċipji tan-NU dwar l-Etika Medika rilevanti għar-Rwol tal-Persunal tas-Saħħa, b'mod partikolari t-Tobba, fil-Protezzjoni tal-Priġunieri u d-Detenuti kontra t-Tortura u t-Trattament jew Pieni krudili, Inumani jew Degradanti Oħra
- il-Prinċipji u l-Linji Gwida Bażiċi tan-NU dwar id-dritt għal Rimedju u Riparazzjoni
- il-Prinċipji dwar l-Investigazzjoni Effettiva u d-Dokumentazzjoni ta' Tortura u t-Trattament jew Pieni krudili, Inumani jew Degradanti Oħra (il-Protokoll ta' Istanbul) annessi għar-risoluzzjoni tal-Kummissjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem 2000/43

- is-Salvagwardji li jiggwarantixxu l-protezzjoni tad-drittijiet ta' dawk li jiffaċċjaw il-piena tal-mewt (riżoluzzjoni 1984/50 ta l-ECOSOC)
- id-Dikjarazzjoni ta' Vjenna u l-Programm ta' Azzjoni
- il-Kummenti Ġenerali mill-Kumitat tan-NU kontra t-Tortura, b' mod partikolari n-Nru 1 dwar l-Artikolu 3, u n-Nru 2 dwar l-Artikolu 2
- il-Kummenti Ġenerali mill-Kumitat tan-NU dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, b' mod partikolari n-Nru 20
- dwar l-Artikolu 7, in-Nru 21 dwar l-Artikolu 10, in-Nru 29 dwar l-Artikolu 4 u n-Nru 31 dwar l-Obbligu Legali Ġenerali Impost fuq l-Istati Parti, taħt il- Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Poliċi
- ir-Rakkomandazzjoni Ġenerali nru 12, 14 u 19 tal-Kumitat dwar l-Eliminazzjoni tad-Diskriminazzjoni kontra n-Nisa
- il-Karta Afrikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Popli u l-Protokoll tagħha (Protokoll Maputo)
- il-Karta Afrikana dwar id-Drittijiet u l-Benesseri tat-Tfal
- il-Linji Gwida u l-Miżuri għall-Projbizzjoni u l-Prevenzjoni tat-Tortura u t-Trattament jew Pieni krudili, Inumani jew Degradanti fl-Afrika (il-Linji Gwida ta' Robben Island)
- il-Konvenzjoni Amerikana dwar id-Drittijiet tal-Bniedem
- il-Konvenzjoni Inter-Amerikana dwar il-Prevenzjoni u l-Ikkastigar tat-Tortura
- il-Konvenzjoni Inter-Amerikana dwar Għajbien Infurzat ta' Persuni
- il-Konvenzjoni Inter-Amerikana dwar il-Prevenzjoni, il-Kastig u l-Eradikazzjoni tal-Vjolenza fuq in-Nisa
- il-Prinċipji u l-Aħjar Prassi dwar il-Protezzjoni tal-Persuni Mċaħħda mil-Libertà fil-Amerikas
- il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa CETS Nru 197 dwar l-Azzjoni kontra t-Traffikar tal-Persuni
- ir-Regolament tal-UE 1236/2005 dwar il-kummerċ tat-tagħmir tat-tortura tat-30 ta' Lulju 2005.
- il-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE dwar l-esportazzjoni ta' armi.